MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 635/2010

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

***kontra***

**Dr. Martin Fenech u l-P.L. Doreen Aquilina, kuraturi deputati nominati sabiex jirraprezentaw lil Rodney Thomas Cake u Mamie Pace (Passaport nru. L7791954 u 703205285) skond digriet tat-18 ta' Dicembru 2009**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-24 ta` Gunju 2010 li jaqra hekk –

*1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt in atti Nutar Dottor Marco Farrugia datat fl-14 ta' Ottubru 2004 (Dok. 'A') is-socjeta' attrici kkoncediet*

*facilitajiet bankarji lil Rodney Thomas Cake u Mamie Pace ;*

*2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Rodney Thomas Cake u Mamie Pace fis-somma ta' hames mija u hmistax-il elf, sitt mija u tnejn u tletin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€515,632.41) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Accounts' ta' Rodney Thomas Cake u Mamie Pace mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1" sa "B2", "C", "D1 sa D3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-24 ta' Frar 2010 sad-data tal-effettiv pagament ;*

*3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Rodney Thomas Cake u Mamie Pace:*

*(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Rodney Thomas Cake u Mamie Pace li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici ;*

*4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment ;*

*5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata fil-15 ta' Settembru 2009 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "E", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu*

*l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex Din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Rodney Thomas Cake u Mamie Pace (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Rodney Thomas Cake u Mamie Pace li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.*

*2. Tikkundanna lil Rodney Thomas Cake u Mamie Pace jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u hmistax-il elf, sitt mija u tnejn u tletin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€515,632.41) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Accounts' ta' Rodney Thomas Cake u Mamie Pace mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1" sa "B2", "C", "D1 sa D3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-24 ta' Frar 2010 sad-data tal-effettiv pagament ;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata fil-15 ta' Settembru 2009 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tal-persuni li kienu ndikati bhala xhieda mill-bank attur u l-elenku tad-dokumenti esebiti mar-rikors mahluf.

Rat li l-konvenuti Kuraturi Deputati kienu t-tnejn debitament notifikati skond il-ligi bl-atti tar-rikors mahluf.

Rat ir-risposta mahlufa tal-Kuraturi Deputati prezentata fit-28 ta' Lulju 2010 li taqra hekk –

*1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti m'huwiex edott mill-fatti u jirriserva li jipproduci risposta ulterjuri meta jkun jaf il-fatti;*

*2. Illi fit-tieni lok l-esponenti jitlob ghal xi indirizz lir-rikorrenti tal-persuni li huwa l-kuratur taghha jekk ikun il-kaz.*

Rat il-lista tal-persuni li kienu ndikati bhala xhieda mill-konvenuti Kuraturi Deputati.

Semghet ix-xhieda ta` Dr. Lilian Cremona bhala rappresentant tal-bank attur fl-udjenza tat-12 ta` Ottubru 2010 (fol 39 sa 41).

Qieset il-provi l-ohra tal-bank attur.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta` Ottubru 2010.

Rat li fl-udjenza tal-lum la dehru l-konvenuti Kuraturi Deputati u lanqas ressqu provi.

Billi l-provi attrici mhumiex kontradetti u d-domandi attrici jirrizultaw pruvati b'mod sodisfacjenti u kif trid il-ligi.

**Taqta` u tiddeciedi l-kawza billi –**

**Tilqa` l-ewwel talba u ghalhekk tiddikjara illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-**

**kuntratt esebit bhala Dokument “A”, partikolarment imma mhux esklussivament, billi Rodney Thomas Cake u Mamie Pace (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` attrici kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Rodney Thomas Cake u Mamie Pace li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.**

**Tilqa` t-tieni talba u tikkundanna lil Rodney Thomas Cake u Mamie Pace, rapprezentati f`din il-kawza mill-konvenuti Kuraturi Deputati, sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u hmistax-il elf, sitt mija u tnejn u tletin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€515,632.41) bilanc ghad-debitu fil-‘Loan Accounts’ ta’ l-istess Rodney Thomas Cake u Mamie Pace mas-socjeta` attrici (skond l-annessi Dok. "B1” sa “B2", “C”, “D1 sa D3”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-24 ta’ Frar 2010 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-konvenuti Rodney Thomas Cake u Mamie Pace sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta’ Settembru 2009.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------